MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2011

Numru. 1059/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**
**vs**
**Jonathan Cassar**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Jonathan Cassar ta’ 23 sena, iben Taddeo u Doris nee’ Cucciardi, mwieled Awstralia fl-01/01/1987 u residenti gewwa 133, Altona House, Triq Alessio Erardi, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 24403L gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-12 ta’ Mejju 2010, ghall-habta ta’ 23:15hrs gewwa Triq l-Iskola, Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara f’vettura bin-numru JAE248 ta’ ghamla Hyundai Accent, liema hsarat huma ta’ aktar minn 116.47 Euros (hamsin lira Maltija) u anqas minn

1164.69 Euros (hames mitt Lira Maltija) ghad-dannu ta' Lawrence Grech u Clinto Grech;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Clinto Grech skond kif iccertifikat Dr. K. Borg mill-Isptar Mater Dei;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali moghod li kkaguna biza lil Clinton Grech u Andrea Celeste Scalpello li ser tintuza vjolenza, meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li, b' tali mgieba tieghu, ser tikkaguna lil haddiehor biza

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Clinto Grech u Andrea Celeste Scalpello bi kliem

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta' Ottubru 2010 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Marzu 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li ghandu fedina penali nadifa u kkunsidrat ukoll l-fatt li l-ammont in kwistjoni thallas mill-imputat lill-parti civili.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 221, 251B, 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------